**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 15 ta` April 2025**

**Rikors Numru 4/2025**

**Ruth Schembri**

**Vs**

**Awtorità tad-Djar**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta’ **Ruth Schembri** ippreżentat fis-17 ta’ Jannar 2025 li permezz tiegħu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

*Illi nhar it-12 ta’ Diċembru 2024 ir-rikorrenti ġiet innotifikata b’ittra uffiċjali bin-numru 2596/24 taħt l-Art 29 tal-Att dwar l-Awtorità tad-Djar (Kap 261 tal-Liġijiet ta’ Malta), li qed tiġi mehmuża u mmarkata bħala **DOK RS1**;*

*Illi permezz tal-imsemmija ittra, ir-rikorrenti ġiet mitluba tħallas is-somma ta’ €2,445.89, rappreżentanti, dejjem skont l-ittra, ammont dovut għall-ħlas ta’ kirja tal-fond 108 Blokk C, Flat 6, Triq l-Alfier de Medran, Ħal Tarxien;*

*Illi l-ammont pretiż mill-Awtorità huwa żbaljat peress li saru l-pagamenti segwenti mir-rikorrenti, u dan kif jidher mill-irċevuti mehmuża:*

- *25/06/2016 sa 24/12/2016: pagament ta’ €47.69 (Irċevuta 1120441; **DOK RS2**)*
- *25/12/2016 sa 24/06/2017: pagament ta’ €174.71 (Irċevuta 1120442; **DOK RS3**)*
- *25/06/2017 sa 24/12/2017: pagament ta’ €174.71 (Irċevuta 1138019; **DOK RS4**)*
- *25/12/2017 sa 24/06/2018: pagament ta’ €174.71 (Irċevuta 1122918; **DOK RS5**)*
- *25/06/2018 sa 24/12/2018: pagament ta’ €174.71 (Irċevuta 1138020; **DOK RS6**)*

*Illi jidher ċar mir-rendikont mehmuż mal-ittra uffiċjali li dawn il-pagamenti ma ġewx imnaqqsa mill-ammont dovut u għalhekk l-ammont pretiż huwa żbaljat;*

*Illi r-rikorrenti kienet f'diffikulta tħallas l-ammonti dovuti fi żmien il-Covid peress li kienet qed tgħin finanzjarjament lil uliedha li spiċċaw bla xogħol, iżda issa qegħda f'pożizzjoni li tkompli tagħmel il-pagamenti;*

*Illi r-rikorrenti qatt ma kellha l-intenzjoni li ma tonorax l-obbligi tagħha.*

*Għaldaqstant l-esponenti qed titlob lil dan it-Tribunal jiddikjara li t-talba tal-Awtorità tad-Djar kif ippreżentata fl-ittra uffiċjali numru 2596/24 hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

Ra r-risposta **tal-Awtorità tad-Djar** ippreżentata fid-29 ta' Jannar 2025 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

*Illi l-esponenti fil-mori tal-kawza irceviet xi pagamenti minn ghand Ruth Schembr. Imma l-istess Ruth Schembri tikkonferma li hija ghadha debitrici tal-esponenti.*

*Illi Ruth Schembri fil-mori lahqet ghamlet xi hlas parzjali. Fil-fatt l-istess Ruth Schembri qed taccetta li ghandha taghti xi ammont lill-esponenti. Mela jekk xejn, il-kawza ghandha tigi deciza billi dan it-Tribunal jiddeciedi u jiddikjara li s-somma ridotta hija dovuta u ghalhekk tordna lir-rikorrenti thallas dik is-somma hekk ridotta u mhux tiddeciedi li it-talba fl-ittra ufficjali hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Illi ghalhekk f' din il-kawza ghandu jigi stabbilit xi thallas u x' ma thallasx u it-Tribunal ghandu jiddikjara liema somma fil-fatt issa tkun ghadha dovuta. Ghax jekk jigi imwaqqa' l-effett kollu tal-ittra ufficjali jigi li kull persuna tkun tista tevita dawn il-proceduri billi thallas xi haga fil-mori wara l-ittra ufficjali. U dan ikun qed jeludi l-iskop tal-ligi li a bazi taghha saret l-ittra ufficjali.*

*Illi kieku ir-rikorrenit hallset kollox kif suppost ma kienx ikun hemm bzonn tal-ittra ufficjali jew ta' dawn il-proceduri. Ghalhekk f' kull kaz l-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-ittra ufficjali ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.*
*Tant ghall-eghref gudizzju ta' dan it-Tribunal.*

*Bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri u tal-ittra ufficjali li qed tigi kontestata u bl-interessi kontra Ruth Schembri.*

Ra n-Nota tal-Awtorita` intimata ppreżentata fil-11 ta' Frar 2025 li permezz tagħha indikat li l-ammont dovut lill-istess Awtorita` sal-ġurnata li ġiet intavolata l-ittra uffiċjali Numru 2596/24 kien ta' elf, disa' mja u wieħed u għoxrin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€1921.76);

Ra illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2025, id-difensuri tal-partijiet qablu li tingħata sentenza abbażi tal-ammont imsemmi hawn fuq u qablu wkoll li l-ispejjeż ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet;

Għaldaqstant, abbażi tal-ftehim verbalizzat mid-difensuri tal-partijiet, it-Tribunal qiegħed jiddisponi mill-appell tar-rikorrenti u mill-eċċezzjonijiet tal-Awtorita` intimata billi jiddikjara li l-Ittra Uffiċjali Numru 2596/24 ippreżentata mill-Awtorita` tad-Djar fil-konfront tar-rikorrenti hija valida u enforzabbli fl-ammont ridott ta' elf, disa' mja u wieħed u għoxrin ewro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€1921.76).

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Registratur**